MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 425/2007

**Paul Magri (ID card 928950M)**

**u martu Giovanna (ID card 499053M)**

***kontra***

**Is-Sindku u s-Segretarju Esekuttiv, Kunsill Lokali Qormi**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-16 ta` April 2007 li jaqra hekk –

*1. Illi huwa proprjetarju tal-art li tinsab f`Hal Qormi, indikata fuq il-pjanta annessa, Dokument A, li tinsab fi Triq Valletta, u kif tizbokka Triq il-Merill, liema art hija essenzjali u ghadha ghan-negozju tal-atturi.*

*2. Illi ftit taz-zmien ilu l-Kunsill Lokali qabad u ha l-art in kwistjoni u ghamel, u ghadu jaghmel uzu minnha, jew ghaddiha lil haddiehor biex jaghmel uzu minnha. Dak iz-zmien kienet saret oppozizzjoni ghal dak l-agir, imma xorta l-Kunsill Lokali konvenut baqa` ghaddej bil-progett tieghu. Ghall-ewwel l-esponenti kien jahseb li kellu ghall-inqas il-kopertura tal-ligi, u li l-art in kwestjoni kien qed johodha legalment il-gvern. Meta kiteb lill-Kummissarju tal-Artijiet, gie nfurmat li l-art bl-ebda mod ma kienet tal-gvern jew qed tigi esproprijata regolarment.*

*3. Illi ghall-ewwel l-esponenti haseb li l-art kienet ser tigi esproprijata, imma meta beda ghaddej iz-zmien u ma sar xejn huwa fittex mad-Dipartiment tal-Artijiet li kienu gharrfuh li l-art mhix tal-gvern u li ma kien hemm l-ebda intenzjoni li tigi esporprijata. Dawn il-fatti jilledu d-dritt ta` proprjeta` tal-atturi protetti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.*

*4. Illi fit-18 ta` Jannar 2007, l-esponenti baghat ittra ufficjali lill-Kunsill Lokali Qormi kif ukoll ghal kull bwon fini lill-Kummissarju tal-Artijiet. Waqt li l-Kummissarju tal-Artijiet talab aktar informazzjoni, il-Kunsill Lokali*

*ma wegibx, u ghalhekk qed issir din il-kawza ghall-izgumbrament tal-Kunsill Lokali minn fuq l-art in kwestjoni.*

<u>*Kawzali*</u>

*Peress li l-Kunsill Lokali ta` Qormi ftit taz-zmien ilu qabad u ha taht idejh l-art tal-atturi li tinsab f`Qormi, li tinsab fi Triq Valletta, u kif tizbokka Triq il-Merill, kif indikata mdawra bl-ahmar fl-annessa pjanta dokument A.*

*Peress li ma kien hemm l-ebda esproprijazzjoni skont il-ligi dwar l-istess art, u ghalhekk il-Kunsill Lokali qed jokkupa l-art minghajr ebda titlu validu fil-ligi, u l-agir tal-konvenuti nomine jikkostitwixxi ksur tal-jeddijiet tal-atturi ghall-proprjeta` protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, it-tnejn ligijiet ta` Malta.*

*Peress li l-atturi sofrew danni b`okkupazzjoni llegali tal-Kunsill konvenut, liema danni l-atturi ghandhom jigu risarciti ghalihom.*

<u>*Talbiet*</u>

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u moghti kull provvediment opportun, inkluz jekk hemm bzonn li l-agir tal-konvenuti huwa lesiva ghad-dritt tal-proprjeta` tal-atturi skont il-Kostituzzjoni u l-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea :*

*1. tordna l-izgumbrament tal-konvenuti in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Qormi mill-art f`Qormi, Valletta Road faccata ta` Triq il-Merrill, kif delinejata fl-istess pjanta dokument A, u bl-ordni li jitnehhew kull haga, mobbli jew immobbli li ghamlu abbusivament l-istess konvenuti nomine, u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat.*

*B`riserva ghad-danni subiti sal-effettiv rilaxx tal-istess proprjeta`.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti nomine ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u d-dokument li kien esebit mar-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata prezentata fil-21 ta` Mejju 2007 li taqra hekk –

*1) Illi fl-ewwel lok, l-intempestivita` tal-azzjoni stante illi mill-mod kif gew impostati l-premessi, jidher illi r-rikorrenti iridu li l-Awtoritajiet jixtru u jakkwistaw l-art in kwistjoni pero` minn imkien ma jidher li nterpellaw lill-Awtoritajiet jaghmlu dan, u dan bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-ligi senjatament tal-Artiklu 81B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2) Illi fit-tieni lok, tigi eccepita l-inkompetenza ta` din l-Onorabbli Qorti ratione materiae, stante illi qed issir talba ta` natura kostituzzjonali senjatament fejn qed jintalab li l-intimati kisru d-dritt tal-proprjeta` skont il-Kostituzzjoni u l-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*3) Illi fit-tielet lok, it-talba ghal dikjarazzjoni ta` ksur ta` drittijiet fundamentali qed issir kontra l-principju stabbilit illi r-rimedju kostituzzjonali ghandu jsir wara li jigu esawriti r-rimedji kollha opportuni skont il-ligi ordinarja.*

*4) Illi t-talbiet maghmula mir-rikorrent attur mhumiex cari u proceduralment irritwali.*

*5) Illi minghajr pregudizzju ghal dak gia` eccepit, il-Kunsill Lokali Hal-Qormi mhuwiex il-legittimu kontradittur u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u konsegwentement l-intimati konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

*6) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq eccepit, l-attur ghandu jipprova t-titolu tieghu.*

*7) Illi fil-mertu jigi eccepit, illi l-Kunsill Lokali ta` Hal-Qormi, qieghed jamministra l-art mertu tal-kawza ghan-nom tal-gvern centrali u dan kif se jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghal-liema ghandha ssir il-kjamata fil-kawza tal-istess.*

*8) Illi l-Kunsill Lokali ta` Hal-Qormi dejjem wettaq ix-xogholijiet ta` amministrazzjoni tal-art mertu tal-kawza bl-approvazzjoni tal-gvern centrali.*

*9) Illi l-ewwel xogholijiet li saru fl-art mertu ta` din il-kawza saru mill-gvern centrali qabel ma kienet ghaddiet il-ligi tal-Kunsilli Lokali.*

*10) Illi l-Kunsill Lokali intimat inghata l-inkariku tal-amministrazzjoni mid-Dipartiment tal-Agrikoltura u diversi xoghlijiet saru mid-Dipartiment tal-Ambjent u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*11) Illi l-esponent jaf il-fatti esposti personalment.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-25 ta` Mejju 2007 fejn din il-Qorti diversament presjeduta dderigiet lill-partijiet sabiex jittrattaw l-eccezzjonijiet preliminari.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2007 u d-dikjarazzjoni tal-istess atturi fis-sens illi l-procediment tal-lum kien kawza ordinarja civili ta` kompetenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tad-9 ta` Novembru 2007 fejn kien mahtur il-Perit Valerio Schembri sabiex jidentifika l-art in relazzjoni mal-pjanta li ezebita mal-kuntratt li pprezentaw l-atturi fit-3 ta` Ottubru 2007.

Rat ir-relazzjoni li pprezenta l-perit tekniku u li kienet mahlufa fl-udjenza tat-30 ta` Gunju 2008 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota tal-konvenuti fejn talbu l-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-24 ta` Gunju 2011 fil-kawza bin-Nru 959/2008/1 fl-ismijiet inversi.

Semghet ix-xiehda ta` Charles Camilleri fl-udjenza tat-22 ta` Marzu 2012 u rat id-dokument li pprezenta.

Rat il-verbal tal-access kondott mill-Qorti stess fis-sit mertu tal-kwistjoni fid-19 ta` Gunju 2012.

Semghet ix-xiehda ta` l-Av. Dr Angele Vella u ta` Cleavon Vella, bhala rapprezentanti tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, fl-udjenza tal-31 ta` Jannar 2013, u rat id-dokument li pprezenta l-ahhar xhud.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Kenneth Brincat u d-dokumenti li kienu annessi.

Semghet ix-xiehda ta` Pio Farrugia fl-udjenza tal-20 ta` Gunju 2013 u rat id-dokumenti li pprezenta x-xhud.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-20 ta` Gunju 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**<u>Charles Camilleri</u>** mid-Dipartiment tal-Artijiet xehed illi fis-6 ta` Gunju 2001 id-Dipartimet kien ircieva informazzjoni li kienet se ssir applikazzjoni biex isir ground zghir tal-futbol go Hal-Qormi. Bhala prassi, id-Dipartiment ma

jikkummentax qabel johrog il-permess. Fis-7 ta` Settembru 2001 hareg il-permess. Fl-4 ta` Ottubru 2001 intalbet kopja tal-permess. Fit-18 ta` Frar 2002, id-Dipartiment kiteb lill-kunsill lokali ta` Hal-Qormi biex jekk iridu l-art kellhom jaghmlu talba permezz tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Id-Dipartiment informa lil kunsill lokali li l-art li applikaw fuqha kienet in parti tal-Gvern u in parti tal-privat. Ipprezenta pjanta fejn immarka liema kienet dik il-parti tal-art li kienet proprjeta` tal-Gvern, liema kienet il-parti proprjeta` tal-privat, u liema kienet il-parti fejn kien ser isir l-izvilupp mill-kunsill lokali.

Ix-xhud spjega li kienet inqalghet problema ghax xi hadd kien ifforma triq minn gol-proprjeta` privata meta ma kienx hemm esproprjazzjoni. Il-privat dehrlu li kellu jaghlaq it-triq ghax kienet proprjeta` tieghu, izda xi hadd kien ipprotesta dwar dan u d-Dipartiment tal-Artijiet kien wiegeb li min-naha tieghu ma seta` jaghmel xejn ghax dik il-parti ta` l-art ma kenitx proprjeta` tal-Gvern. Id-Dipartiment ta struzzjonjiet lis-sid tal-art li kellu jittella` hajt bejn l-art tieghu u dik tal-Gvern wara li kien identifikat bil-preciz liema kienet l-art tal-Gvern. Huwa jafx min kien is-sid privat billi ma kienx ra kuntratti.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, ix-xhud stqarr li huwa ma kellu l-ebda notamenti dwar x`kien hemm fl-art in kwistjoni qabel saret l-applikazzjoni mal-MEPA. Ikkonferma li meta jkun xi dipartiment tal-Gvern li ser jaghmel xogholijiet, gieli jitlob permess u gieli le ghax tkun kwistjoni interna ghall-Gvern. Ma kellux notamenti dwar meta giet iffurmata din it-triq u minn min.

**<u>Cleavon Vella</u>** mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali xehed b`riferenza ghad-devoluzzjoni ta` propjeta`. Abbazi tas-*site plan* li nghata d-Dipartiment ma jirrizultax li qatt kien hemm devoluzzjoni tal-art li tidher fis-*site plan*. Skond verifiki li ghamel mat-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern, irrizulta li l-art murija bl-isfar fuq il-pjanta mhijiex allokata lill-kunsill lokali konvenut. Fil-**<u>kontroezami</u>**, ix-xhud ma kienx f`qaghda li jwiegeb jekk il-manutensjoni tas-sit kienx fdat lill-kunsill lokali konvenut. In **<u>ri-ezami</u>**, ix-xhud fisser illi meta kunsill lokali japplika ghal devoluzzjoni, l-applikazzjoni tasal ghand id-Dipartiment li imbaghad ighaddiha lit-taqsima proprjeta` tal-Gvern. Min-naha

taghhom, dawn tal-ahhar jinvestigaw jekk il-propjeta` tkun tal-Gvern, u jekk tistax tigi devoluta lill-kunsill lokali. Min-naha tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, it-talba tal-kunsill koncernat tigi evalwata skont il-qaghda finanzjarja tieghu. Jekk jirrizulta li l-qaghda finanzjarja tkun tajba, id-Dipartiment jaghti l-approvazzjoni tieghu biex it-taqsam proprjeta` tal-Gvern tipprocedi. Id-decizjoni finali tittiehed mid-Dipartiment tal-Proprjeta` tal-Gvern.

**Kenneth Brincat** - Segretarju Ezekuttiv tal-kunsill lokali konvenut – xehed illi huwa inghata l-hatra tieghu fl-1 ta` April 2012 meta kienet diga` bdiet din il-kawza u wara li l-kunsill lokali Qormi kien ha passi legali kontra l-attur meta skond ix-xhud ha l-ligi b`idejh u mbarrat it-triq in kwistjoni b`hajt. Mir-records tal-kunsill, irrizulta li sa minn meta twaqqaf il-kunsill, it-triq mertu tal-kawza kienet tintuza bhala triq pubblika b`mod regolati ; minnha kienu jghaddu l-vetturi u anke nies bil-mixi. Biswit din it-triq kien hemm football ground amministrat minn Qormi FC. Mir-records tal-kunsill lokali, irrizulta li qabel sar dan il-ground, kien hemm gnien li nbena mid-Dipartiment ta` l-Agrikoltura, u li r-responsabbilita` ghall-manutenzjoni tal-gnien ghaddiet ghand il-kunsill lokali. Anke r-responsabbilita` ghall-manutensjoni tat-triq ghaddiet ghand il-kunsill lokali. Irrefera ghall-aerial photo esebit fejn hemm indikati *nodes* bin-numri 236B u 404B. Dawn in-*nodes* huma stabbiliti mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex dak id-Dipartiment ikun jista` jivverifika jekk il-kunsill lokali ikunx qieghed jaqdi d-doveri tieghu ghar-rigward tal-manutensjoni tat-toroq.

Kompla jixhed illi ladarba l-kunsill lokali konvenut inghata l-inkariku tal-manutensjoni, il-kunsill accerta ruhu li jwettaq sewwa d-doveri assenjati lilu. Ippreciza li l-kunsill ma ha xejn minn jeddu izda qieghed jamministra dak li ghaddielu il-gvern centrali. Il-kunsill konvenut ma ghandux jedd ta` esproprjazzjoni billi dik hija materja li mhijiex kompetenza tieghu izda tal-gevrn centrali.

**Pio Farrugia** xehed illi l-kunsill lokali konvenut twaqqaf ghall-ewwel darba tard fl-1993. L-assenjazzjoni ta` responsabbilitajiet lill-kunsill kienet gradwali. Beda l-ewwel bir-*refuse collection.* Fl-1994 il-gvern centrali ghamel il-

pjan tal-funzjonijiet tal-kunsilli. Fl-1 ta` April 1995, saru l-ewwel kuntratti dwar it-toroq. It-toroq arterjali u distributorji baqghu responsabilita` tal-gvern centrali waqt li t-toroq urbani u lokali ghaddew taht ir-responsabilita` tal-kunsilli. Ukoll ghand il-kunsill fl-1 ta` April 1995, ghaddew ir-responsabilitajiet ghall-gonna, bajjiet, toroq, u knis tat-toroq. Sal-ahhar tal-2009 kien hemm sezzjoni teknika fis-services branch li kienet taghmel spezzjonijiet tat-toroq u gonna, u jsir rapport li jigi prezentat fil-Parlament. Huwa kellu kopja ta` rapport li kien sar dwar il-gonna ta` Hal-Qormi, inkluz il-gnien ta` hdejn ic-cimiterju. Fl-20 ta` Dicembru 2000 il-gnien kien qieghed taht kostruzzjoni. Ghar-rigward tat-toroq, ix-xhud fisser li kien hemm *geographical information system* fejn kienu senjalati dawk it-toroq li kienu ghaddew ghand il-kunsilli lokali. Dawn kienu nghataw fondi mill-gvern centrali biex jaghmlu manutensjoni tat-toroq. Meta sar il-*migration plan*, id-dipartiment ma dahalx fi kwistjonijiet ta` titolu jew ta` esproprjazzjoni. Fil-**kontroezami**, ix-xhud spjega li l-kunsill lokali kellu jiehu hsieb li tinzamm fi stat tajjeb ta` manutensjoni kull triq li ma kenitx proprjeta` tal-privat.

**Ikkunsidrat :**

**III. Generali**

**Fl-udjenza tal-25 ta` Mejju 2007, din il-Qorti diversament presjeduta tat direzzjoni lill-partijiet fis-sens illi riedet li jigu trattati l-eccezzjonijiet preliminari.**

**Din il-Qorti kif presjeduta ma bidlet xejn mid-direzzjoni li nghatat lill-kawza dakinhar u ghalhekk bis-sentenza taghha tal-lum, din il-Qorti sejra tipprovdi dwar l-ewwel hames eccezzjonijiet tal-konvenuti li huma ta` natura preliminari.**

**Ikkunsidrat :**

**IV. L-ewwel (1) eccezzjoni**

Anke wara li qieset il-provi akkwiziti, din il-Qorti ma tifhimx is-sens ta` din l-eccezzjoni peress li t-talba attrici hija wahda : l-izgumbrament tal-konvenuti noe mill-art de qua. Ghandu jinghad li fil-premessi, ir-riferenza ghall-esproprjazzjoni ma saritx ghaliex l-atturi jridu li l-art tigi esproprijata ; xejn minn dan – anzi l-maqlub. Saret bhala prova illi skond l-atturi l-art tappartjeni lilhom ladarba qatt ma kienet esproprijata skond il-ligi. Il-Qorti mhijiex tara intempestivita` fl-istanza attrici.

**Il-Qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni.**

**Ikkunsidrat :**

**V. It-tieni (2) it-tielet (3) u r-raba` (4) eccezzjonijiet**

Il-konvenuti noe baqghu jinsistu fuq dawn it-tliet eccezzjonijiet minkejja li fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2007 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, l-atturi permezz tad-difensur taghhom kienu ddikjaraw li l-istanza taghhom mhijiex procediment kostituzzjonali izda kawza civili ordinarja li ghaliha hija kompetenti l-Prim`Awla tal-Qorti Civili.

In vista ta` dikjarazzjoni hekk cara u netta da parti tal-atturi, il-Qorti hija tal-fehma li dan tal-lum mhuwiex aktar kaz fejn qabel tghaddi ghall-konsiderazzjoni tat-talba vera u propria tal-atturi tippronunzja ruhha dwar jekk l-agir tal-konvenuti kienx lesiv inkella le ghall-jeddijiet tal-atturi kif tutelati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Ladarba l-eccezzjonijiet in kwistjoni <u>evidentement</u> inghataw minhabba l-*occorrendo* li ppreceda t-talba attrici, mhuwiex aktar il-lok li din il-Qorti taghtihom aktar konsiderazzjoni. *In ultima analisi* dan ifisser illi l-unika talba li din il-Qorti trid tiddeciedi hija propju l-izgumbrament tal-konvenuti noe mill-art f`Qormi, Valletta Road faccata ta` Triq il-Merrill, kif delineata fil-pjanta Dok A.

**Il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni, tat-tielet u tar-raba` eccezzjonijiet in vista tad-dikjarazzjoni li ghamlu l-atturi fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2007.**

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Il-hames (5) eccezzjoni</u>**

Il-konvenuti noe rrilevaw illi fil-kaz li dan il-procediment kellu jitqies bhala ordinarju, allura l-kunsill lokali Qormi ma kienx il-legittimu kontradittur tal-attur billi kien biss l-amministratur tal-art de qua. Saret enfasi mill-kunsill konvenut fuq dan ir-rwol ta` amministratur fis-seba` (7), fit-tmien (8), fid-disa` (9) u fl-ghaxar (10) eccezzjonijiet.

Il-kunsill konvenut ressaq il-prova (ara x-xiehda ta` Kenneth Brincat u Pio Farrugia) illi l-art de qua kienet originarjament gnien li nbena mid-Dipartiment ta` l-Agrikoltura. Il-manutensjoni ta` dak il-gnien ghaddiet ghand il-kunsill lokali ; imbaghad kien il-kunsill lokali li ressaq l-applikazzjoni lill-MEPA biex is-sit minn gnien isir football ground. Anke fil-kaz tat-triq, ir-responsabilita` ghall-manutensjoni taghha ghaddiet ghand il-kunsill lokali. Irrizulta wkoll (ara d-deposizzjoni ta` Charles Camilleri) illi l-art in kwistjoni qatt ma kienet devoluta lill-kunsill lokali konvenut. Ghalhekk semmai jekk l-art kienet pubblika kienet propjeta` tal-Gvern mhux tal-kunsill lokali ; jekk kienet privata, xorta wahda l-kunsill lokali ma kienx jinkwadra. L-argument tal-kunsill konvenut huwa illi ladarba rrizulta ppruvat li nghata l-inkariku li jamministra l-art ghan-nom tal-Gvern Centrali, huwa inutili li l-atturi jitolbu lill-kunsill biex irodd lura l-art de qua, jekk il-kunsill huwa biss amministratur.

Mill-kwadru ta` fatti u cirkostanzi li rrizultaw sal-lum, u bla ma tidhol f`ebda kwistjoni ta` mertu, il-Qorti ma tasalx biex tikkonkludi li l-kunsill lokali konvenut mhuwiex legittimu kontradittur tal-atturi billi l-kunsill konvenut ha parti attiva u diretta fil-kwistjonijiet li r-rikorrenti kellhom dwar din l-art.

Fl-istess waqt il-Qorti tasal biex tikkonkludi li l-kunsill lokali konvenut mhuwiex l-uniku kontradittur tal-atturi. L-atturi qeghdin jitolbu zgumbrament minn art li jallegaw li tappartjeni lilhom fuq il-pretest li dik l-art qeghda tkun okkupata llegalment. F`kawza ta` din ix-xorta, l-ordni pubbliku jitlob li ghall-istanza attrici ghandu jwiegeb kull min jista` jkun effettwat bi pronunzjament mill-Qorti dwar it-talba attrici. Il-kunsill lokali konvenut huwa parti u l-fehma ta` din il-Qorti hija li ghandu jibqa` fil-kawza. Fl-istess waqt tghid illi ma ghandux jibqa` wahdu biex iwiegeb ghall-istanza tal-atturi. Bil-kunsill wahdu bhala konvenut, hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li l-gudizzju ma jkunx integru.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fil-11 ta` Awissu 2014 mill-Qorti ta` l-Appell Superjuri fil-kawza **`<u>Winston Montanaro Gauci v. Tarcisio Rapa et</u>`** – fejn ghalkemm is-*subject matter* tal-kawza kien ghal kollox

differenti minn dan tal-lum - il-Qorti ta` l-Appell kienet cara meta qalet li ma setghetx tilqa` l-aggravju li l-konvenuti Rapa ma kienux l-legittimi kontradditturi ghaliex ladarba :

*"l-obbligazzjoni li tinghalaq it-tieqa twieldet minn relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konjugi Rapa, dawn ma jistghux jezimu ruhhom mill-obbligazzjoni taghhom lejn l-attur semplicement ghaliex issa l-fond in kwistjoni gie trasferit lil terzi.*

*L-esigenza guridika li titwieled minn dan it-trasferiment, izda, **hija dik tal-integrazzjoni tal-gudizzju kemm peress li ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti ghandhom jippartecipaw fih dawk kollha li huma interessati kif ukoll sabiex tigi assigurata kemm jista` jkun l-effikacita` tal-istess gudizzju in kwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu ppartecipaw flistess gudizzju."**( enfazi mizjud)*

Il-Qorti kompliet tispjega li stante li l-Ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li kien hemm kondizzjoni mit-transazzjoni li giet vjolata :

*"dik il-Qorti ma setghetx tghaddi biex tikkundanna lill-konvenuti jaghlqu t-tieqa fi proprjeta` ta` terzi minghajr ma qabel tassigura l-integrita` tal-process … billi taccerta ruhha li l-interessi tat-terzi jigu jigu rapprezentati fil-process u dan billi tigi ordnata s-sejha fil-kawza tal-kumpanija msemmija … bhala punt ta` dritt il-fatt li d-diretturi odjerni tal-kumpanija Ta` Guzman Limited, u cioe` l-konjugi Rapa, huma konvenuti f`dawn il-proceduri ma jbiddel xejn mir-realta` legali li huma hekk konvenuti fil-kwalita` personali taghhom u mhux in rapprezentanza tas-socjeta` Ta` Guzman Limited. Din tal-ahhar hija persuna legalment distinta mill-konvenuti u ghalhekk, bhala l-propjetarja tal-fond fejn tinsab it-tieqa li l- attur qieghed jippretendi li ghandha tinghalaq u li l-ewwel Qorti taghtu ragun, l-interessi tal-kumpanija Ta` Guzman Limited iridu jigu rapprezentati fil-gudizzju sabiex jigi assigurat l-integrita` tieghu. Dan jista` jigi assigurat biss bis-sejha fil-kawza tal-istess kumpanija li tista` ssir biss mill-ewwel Qorti u mhux minn din il-Qorti.F`dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva hlief li ghalkemm tilqa` in parte l-appell tal-konvenuti appellanti fejn talbu t-thassir tas-sentenza appellata fejn laqghet it-talbiet tal-*

*attur appellat ma tistax, kif talbu l-appellanti, tordna minflok il-liberazzjoni taghhom mill-osservanza tal-gudizzju u dan peress li rrizultat il-legittimita` passiva taghhom. Minflok, izda, ser tordna l-kjamata fil-kawza tal-kumpanija Ta` Guzman Limited sabiex il-Qorti tkun tista` taghti s-sentenza taghha fil-mertu wara li tisma` l-partijiet kollha interessati u ghal dan il-ghan ser tirrinvija l-process quddiem l-ewwel Qorti."*

Fil-kawza tal-lum il-Qorti tirrikonoxxi li ma tressqet l-ebda eccezzjoni ta` nuqqas ta` integrita` ta` gudizzju. Fl-istess waqt dan ma jfissirx illi ma tistax tkun il-Qorti stess li tissolleva hi *ex ufficio* din il-kwistjoni.

Il-htiega li gudizzju jkun integru hija mibnija fuq tliet konsiderazzjonijiet ewlenin : i) il-htiega li f`kawza jiehdu sehem dawk kollha li huma interessati fil-kwistjoni ; ii) il-htiega li jigi assikurat li l-gudizzju jkun wiehed effikaci ; u iii) il-htiega li jithares kemm jista` jkun il-principju tal-ekonomija tal-gudizzju. Li l-gudizzju jkun wiehed shih ghandu jinteressa aktar lill-attur milli lill-konvenut. Fl-istess waqt riskontrat dan il-fatt ma jfissirx illi mankanza bhal din hija insanabbli (ara Appell Civili – 15 ta` Jannar 1992 – `**Zahra Dedomenico et vs Zahra Dedomenico**` – Kollez Vol LXXVI.i.182). Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li l-kwistjoni tista` tigi sanata minnha stess *ex ufficio* bil-kjamata fil-kawza tal-persuna interessata skond l-Art 961 tal-Kap 12. Fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1997 fil-kawza **"Cremona Barbaro vs Cilia Vincenti et"** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta (**PA/GV**) inghad hekk –

*L-istitut tal-kjamat fil-kawza huwa kkontemplat fl-artikoli 961 u 962 tal-Kap.12. Hu jaqdi diversi funzjonijiet procedurali principalment (a) dik li jintegra gudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jigu mharrka u xi whud minnhom jithallew barra ; u (b) dik li jissalvagwardja d-drittijiet ta` min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktarx iggib warajha azzjoni ohra bhala konsegwenza taghha. Dan il-principju regolatur gie interpretat b`mod aktar wiesgha fuq konsiderazzjonijiet ta` ekonomija ta` gudizzju u utilitajiet procedurali ohra – ara fost ohrajn – App. Civ. Inf.* ***Stepton***

***vs Spiteri**, 23/11/1988, Vol.XVI.117 ; **Cassar Desain utrinque** 25/6/45, Vol.XXXII.272 ; **Barbara vs Mallia**, 22/10/56, Vol.XL.264.*

Hekk sejra taghmel il-Qorti fil-kaz tal-lum. Mhijiex sejra taghmel dak li qieghed jitlob il-kunsill lokali konvenut fil-hames eccezzjoni tieghu u cioe` mhijiex sejra tehles lill-kunsill konvenut milli jibqa` fil-kawza ghaliex hija tal-fehma li l-kunsill huwa fil-fatt kontradittur tal-atturi pero` bhala konvenut ghandu jinghaqad ukoll haddiehor biex iwiegeb ghall-pretensjoni attrici (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili -3 ta` Ottubru 1964 – `**Mifsud vs Mifsud**` – Kollez Vol XLVIII.ii.1161).

**Il-Qorti qeghda tichad il-hames eccezzjoni.**

Rigward l-identita` tal-persuna, li mal-kunsill lokali konvenut, ghandha twiegeb ghall-istanza attrici, il-Qorti tirrileva illi l-argument kollu tal-kunsill huwa li r-rwol tieghu huwa dak biss ta` amministratur. Ighid li m`ghandux setghat aqwa milli nghata mill-Gvern Centrali. L-insistenza hija li l-art hija tal-Gvern u li ghaliex qatt ma kienet devoluta baqghet tal-Gvern. Skond l-Art 2 tal-Kap 169, *id-drittijiet u r-responsabilitajiet kollha, kemm jekk moghtija jew kontingenti, dwar propjeta` mmobbli li tkun ta`, jew fil-pussess ta`, mizmuma jew amministrata mill-Gvern jew dwar l-amministrazzjoni taghha, li ghalihom l-Accountant General kien intitolat jew suggett minnufih qabel il-bidu fis-sehh ta` din l-Ordinanza jkunu bis-sahha ta` din l-Ordinanza trasferiti lill-Kummissarju tal-Artijiet.* Ghalhekk ghall-fini ta` integrita` ta` gudizzju, il-Qorti sejra tordna l-kjamata fil-kawza tal-Kummissarju tal-Artijiet. Almenu f`dan l-istadju l-Qorti mhijiex tara li ghandha ssejjah fil-kawza lill-Avukat Generali wkoll ghaliex mhijiex tirrizulta l-htiega skond l-Art 181B(2) tal-Kap 12. L-uniku involviment tal-Avukat Generali huwa biss ghall-fini ta` notifika skond l-Art 181B(3) tal-Kap 12. Il-Qorti qeghda tordna li l-kjamata fil-kawza tkun a spejjez u a kariku tal-atturi.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet preliminari tal-kunsill lokali konvenut billi –**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni, tat-tielet u tar-raba` eccezzjonijiet in vista` tad-dikjarazzjoni li ghamlu l-atturi fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2007.**

**Tichad il-hames eccezzjoni.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 961 tal-Kap 12 tordna l-kjamata fil-kawza tal-Kummissarju tal-Artijiet.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 962 tal-Kap 12, tordna n-notifika tal-kjamat fil-kawza bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza. In-notifika ghandha ssir a kura u spejjez tal-atturi. Il-kjamat fil-kawza jkollu zmien ghoxrin (20) jum min-notifika biex jipprezenta risposta guramentata.**

**L-ispejjez tad-decizjoni tal-lum jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.**

**Thalli l-kawza ghan-notifika tal-kjamat fil-kawza u ghall-ezami tar-risposta guramentata tal-kjamat fil-kawza, jekk ikun il-kaz, ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 13 ta` Novembru 2014 fid-09.00 a.m.**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------